TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 133/14-F

**Maryrose Debono**

**vs**

**Sullivan & Sullivan Travel Ltd.**

Illum 9 ta' Jannar, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 ta' Ġunju, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' erba' mija u tmenin ewro (€480), rappreżentanti diversi nuqqasijiet li kien hemm fuq il-vjaġġ lejn Tunes.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet ħallset għall-vaganza lejn Tunes, fejn kien hemm ħafna nuqqasijiet fosthom diffikultajiet li sabu meta marru fuq *tours*, il-kamra kienet ta' kwalita' inferjuri, ikel ma tantx kien hemm u li suppost kienet lukanda 4 star imma kienet 3 star u kienet maħmuġa, u li kien hemm nuqqas ta' *tour leader,* u kif ukoll kien hemm problema li nqalgħet meta marru *excursion* Carthageland.

L-intimat issottometta illi l-ikel kien tajjeb, u li kienet *in buona fede* meta rreklamat l-istess hotel bħala 4 star, u li għamel minn kollox sabiex jaqdi lill-klijenti.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi verament kien hemm diversi nuqqasijiet waqt din il-vaganza lejn Tunes.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mija u ħamsin ewro (€150), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888